Aspetti tal-Festa tagħna (4)

# l-ĦRUĠ TAL-VARA TAS-SULTANA TAGĦNA

## Minn Winston L.Zammit B.A.(Hons) M.A.

Meta jispiċċaw l-Erbgħat, il-Parroċċa kollha tkun qed tistenna b'ħerqa iċ-ċerimonja tal-ħruġ tal-Vara min-niċċa tagħha, li sas-sena kienet issir is-Sibt ta' qabel il-festa wara l-quddiesa ta' filgħaxija. Iżda minn din is-sena se tibda ssir fl-aħħar Erbgħa.

### FIS-SNIN 60 U 70.

Fis-snin 60, il-ħruġ tal-vara kien isir dejem il-Ħadd ta' qabel il-festa, wara l-quddiesa tal-ll.00 am. Il-vara kienet tinħareġ sal-bieb tal-Knisja u ġieli tniżżlet sa taħt iz-zuntier. F'din iċ-ċerimonja kienet normalment tieħu sehem il-Banda 'Sliema' u kie ukoll isir xi sparar. Iżda fl-1968, meta l-festa saret b'Solennita' akbar fit-tifkira tal-Ħamsin Sena mit-twaqqif tal-Parroċċa l-ħruġ tal-vara, sar żewġ ti Ħdud qabel il-festa filgħaxija, bis-sehem tal-Banda.

Fil-bidu tas-snin 70, il-ħruġ tal-vara baqa' jsir il-Ħadd filgħodu wara l-quddiesa tal-ll.00 am, iżda fl-1975 l-ħruġ tal-vara sar is-Sibt ta' qabel il-festa (is-Sibt 28 ta' Ġunju) u wara l-Banda 'Sliema' għamlet il-marċ mat-toroq tal-parroċċa, u l-istess reġa' sar fl-1976 u fl-1977. Iżda fil-1979 reġa' sar is-Sibt ta' qabel il-festa u l-istess baqa' jsir sal-1983. Fl-okkażżjoni tal-ħruġ tal-vara tal-1981, meta l-parroċċa fakkret iċ-Ċentinarju tal-Ftuħ tal-Knisja, ġie mżanżan is-sħab tal-fidda tal-vara titulari. F'dik is-sena ukoll wara d-dħul tal-vara fid-9.00 pm beda lejl Marjan quddiem il-vara bis-sehem tal-għaqdiet parrokkjali li spiċċa f'nofs il-lejl b'quddiesa. Dan il-lejl ta' talb baqa' jsir għal diversi snin.

### FIS-SNIN 80

Fl-1984 il-ħruġ tal-vara, reġa' sar it-Tnejn ta' qabel il-festa. F'din l-okkażżjoni saret l-inawgurażżjoni tal-faċċata l-ġdida tal-Kazi tal-Banda 'Sliema'. Il-Kappillan Patri Silvestru Magro OFM (1982-1988) illum Vigarju Appostoliku f'Bengħazi u Isqof Titulari ta' Salde, bierek il-faċċata l-ġdida, u wara għal ħabta ta-8.30 pm telgħet tperper għall-ewwel darba fuq l-arblu twil 48 pied, fuq il-bejt tal-każin, bandiera kbira bl-arma tal-każin, rigal ta' Dr. Ċensu Tabone M.D.M.P.

### ĦRUĠ STORIKU (1991)

Fis-snin ta' wara l-ħruġ tal-vara baqa' jsir dejjem is-Sibt ta' qabel il-festa. Il-ħruġ fl-l991 kien storiku, għax għaliħ attendew żewġ kapijiet ta' stat, l-ET Dr.Ċensu Tabone President ta' Malta u l-ET George Vassilou President ta' Ċipru li kien jinsab fuq zjara statali f'Malta. F'din l-okkażżjoni l-Banda 'Sliema' għamlet is-soltu marċ mat-toroq tal-Parroċċa sa ħdejn il-Knisja, u meta waslu ż-żewġ Presidenti l-banda daqqet l-Innijiet taż-żewġ pajjiżi. Imbagħad ż-żewġ Presidenti telgħu fuq iz-zuntier u flimkien tellgħu bandiera ġdida bl-arma tas-soċjeta' fuq il-bejt tal-każin tal-banda 'Sliema'. Wara ż-żewġ President assistew il-ħruġ tal-vara mill-gallerija tal-każin.